MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1796/2002

**Carmelo Aquilina**

**vs**

**Alexandra Helen maghrufa bhala Sandra Sciberras**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm 1490.00c (elf u erbgha mija u disghin lira Maltin) rappresentanti danni kkagunati mill-konvenuta f’ incident automobilistiku li sehh fit- 23 ta’ Ottubru 2001 fi Triq Psaila, B’ Kara bejn il-vettura KCY 941 proprjeta tal-attur u l-vettura HER 014 misjuqa mill-konvenuta liema incident sehh unikament minhabba imprerizja traskuragni u nuqqas ta’ tharris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta;

Jillikwida d-danni sofferiti mill-attur fl-incident de quo fis-somma ta’ Lm 1490 (elf erbgha mija u disghin lira Maltin) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata min dan it-Tribunal, okkorendo bis-somma ta’ periti nominadi, liema somma ma teccedix il-kompetenza ta’ dana t-Tribunal;

Jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma likwidata in linea ta’ danni.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci ;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**